



Brussell, 9 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14069/18

LIMITE

AGRI 532
AGRIORG 98
AGRISTR 86
AGRIFIN 124
AGRILEG 194
CODEC 1943
CADREFIN 338

Fajls Interistituzzjonali:
2018/0217(COD)
2018/0218(COD)

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura
Nru dok. Cion:	9634/18 + COR 1 + ADD 1 9556/18 + REV 1 (en, de, fr) + COR 1
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati, ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u r-Regolament (UE) Nru 229/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew. - <i>Thejjiġa għad-dibattitu fil-Kunsill</i>

1. Il-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" tad-19 u l-20 ta' Novembru qed jipprevedi dibattitu ta' orjentazzjoni dwar żewġ proposti dwar ir-riforma tal-PAK wara l-2020, jiġifieri r-Regolament Orizzontali l-ġdid propost u r-Regolament il-ġdid propost dwar l-OKS.

2. Il-Presidenza fasslet żewġ Rapporti ta' Progress tal-Presidenza dwar l-eżami ta' dawn iż-żewġ proposti fil-korpi preparatorji tal-Kunsill, li jinsabu fid-dokument 13730/18 (għar-Regolament Orizzontali) u d-dokument 14012/18 (għar-Regolament dwar l-OKS¹).
3. Sabiex jitmexxa d-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" tad-19 u l-20 ta' Novembru, il-Presidenza fasslet ukoll iż-żewġ mistoqsijiet li jinsabu hawn taħt, li biħsiebha tgħaddi lill-Ministri.
4. Il-KSA huwa mistieden jiddiskuti u japprova l-adegwatezza tal-mistoqsijiet issuġġeriti rigward ir-Regolament Orizzontali u r-Regolament dwar l-OKS proposti biex jitmexxa d-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" tad-19 u l-20 ta' Novembru.
5. **Kuntest u mistoqsija għar-Regolament Orizzontali propost:**

Il-qafas regolatorju propost għall-agrikoltura wara l-2020 ta' spiss jiġi deskritt bħala li joffri aktar sussidjarjetà għall-Istati Membri, inqas burokrazija għall-amministrazzjonijiet u l-benefiċjarji, regoli aktar sempliċi u inqas dettaljati, u inqas verifiki u kontrolli. Madankollu, kif juru l-kummenti tad-delegazzjonijiet (ara. d-dok. 13730/18) għad hemm bosta mistoqsijiet, fost l-oħrajn dwar id-dettalji tar-riżerva pluriennali għall-agrikoltura, il-proċessi tal-approvazzjoni tal-prestazzjoni annwali u t-tnaqqis u s-sospensjoni tal-pagamenti, ir-regoli rigward it-tnaqqis tal-għadd ta' aġenziji tal-pagamenti u r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-korpi ta' governanza inġenerali.

6. Ir-Regolament Orizzontali l-ġdid ser jinkludi r-regoli li l-Istati Membri ser ikollhom jirrispettaw u japplikaw fir-rigward tal-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ adegwati tal-PAK il-ġdida. Il-mudell il-ġdid tal-implimentazzjoni u l-modalitajiet tar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK ser ikollhom impatt fuq kif il-korpi ta' governanza tal-Istati Membri ser iwettqu l-kompiti fdati lilhom kif definit fir-Regolament Orizzontali.

¹ Ir-rapport ta' progress għall-OKS kif stabbilit inizjalment fid-dokument 13578/18 tqies mill-KSA fis-6 ta' Novembru. Il-KSA ddiskuta wkoll tliet kwistjonijiet proposti fir-rapport u pprova gwida għad-diskussjonijiet li qed ikomplu fil-Grupp ta' Ħidma dwar Prodotti Agrikoli.

7. B'kont meħud ta' dan t'hawn fuq, il-Ministri huma mistiedna jindirizzaw il-mistoqsija li ġejja, waqt l-intervent tagħhom:

X'inhuma l-fehmiet tagħkom rigward l-implikazzjonijiet tal-adattament tar-Regolament Orizzontali propost għall-mudell tal-implimentazzjoni l-ġdid tal-PAK fil-qafas tar-Regolament propost dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, b'mod partikolari rigward il-perċezzjoni ta' responsabbiltajiet akbar għall-korpi nazzjonali, bħall-aġenziji tal-pagamenti u l-korpi taċ-ċertifikazzjoni? Taħsbu li l-approvazzjoni tal-prestazzjoni annwali l-ġdida proposta ser tirriżulta f'ġestjoni aktar effiċjenti tal-PAK?

8. **Kuntest u mistoqsija għar-Regolament propost dwar l-OKS:**

Fis-snin reċenti s-swieq agrikoli Ewropej għaddew minn għadd ta' turbolenzi b'mod partikolari b'segwitu għall-projbizzjoni Russa flimkien ma' provvista eċċessiva, żieda fil-volatilità tal-prezzijiet wara tmim il-kwoti tal-prodotti tal-ħalib, diversi tifqigħat ta' mard bħad-Deni Afrikan tal-Ħnieżer u tibdil bla preċedent fil-klima li wassal għal kundizzjonijiet klimatiċi ħorox. Ir-Regolament dwar l-OKS għadda minn provi diffiċli f'diversi okkażjonijiet f'dawn l-aħħar snin u kellu jirreaġixxi għal diversi żbilanċi tas-suq kif ukoll jagħti appoġġ straordinarju f'setturi differenti. Wara li koordinat mal-Istati membri, il-Kummissjoni rnexxilha tuża l-istrumenti eżistenti tas-suq b'mod flessibbli.

9. Fl-2017, fil-qafas tal-hekk imsejjaħ Regolament Omnibus li għandu l-għan li jwassal għal aktar simplifikazzjoni u li jsaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina alimentari, ġew emendati wħud mir-regoli tal-OKS, b'mod partikolari fil-qasam tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, il-miżuri ta' kriżi u l-liġi dwar il-kompetizzjoni. Lanqas sena wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Omnibus, għadu wisq kmieni biex wieħed jivvaluta l-effikaċja ta' dawn l-emendi.
10. B'kont meħud ta' dan t'hawn fuq, il-Ministri huma mistiedna jindirizzaw il-mistoqsija li ġejja, waqt l-intervent tagħhom:

X'inhuma l-fehma tagħkom dwar il-miżuri attwali ta' appoġġ għas-suq u l-effikaċja tagħhom f'dawn l-aħħar snin? Taħsbu li l-istrumenti tas-suq disponibbli bħalissa huma diġà biżżejjed għal reazzjoni flessibbli u f'waqtha għal kriżi tas-suq jew taħsbu li jeħtieġ li jiġu kkompletati l-istrumenti eżistenti biex jittejjbu r-rata ta' reazzjoni u l-flessibilità tagħhom?